SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA**

**30 ta' Ottubru 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann fl-4.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, il-Vici Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsillieri Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATA**

Il-Kunsillier Violet Bajada.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Kien hemm qbil unanimu illi jkun hemm bdil fl-ordni tal-ġurnata billi jiġi diskuss issa *item* numru 11 tal-Aġenda.

**6.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

6.11.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskedi tal-pagamenti numru 8, 9 u 10 li kienu anessi mal-Aġenda u li kopja tagħhom tinsab ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "6A", "6B" u 6Ċ".

6.11.2 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ħareġ mill-kamra fl-4.30pm.

6.11.3 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

6.11.4 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi tal-pagamenti numru 8, 9 u 10 kif imressqa".*

6.11.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

6.11.6 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ikompli bl-ordni tal-ġurnata kif imsejħa.

**6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 5 tat-28 ta' Settembru 2009.

6.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

6.1.3 Rigward minuta 5.1.40, qabel iċ-ċifra €230 għandu jiżdied il-kliem, *"għas-servizz ta' l-iScouts".*

6.1.4 *Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.*

6.1.5 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

6.1.6 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 5 (28 ta' Settembru 2009) kif emendati".*

6.1.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

6.1.8 Dwar minuta 5.1.30, il-Kunsill kien infurmat li l-ixkaffar għal Librerija Pubblika kien sar, fejn issa kienu ser isiru żewġ settijiet ġodda.

6.1.9 Dwar minuta 5.1.31, il-Kunsill kien infurmat li għalkemm ġiet mibgħuta ittra fir-rigward ta' żbir ta' siġar, dan ma jistax isir peress li l-aħjar żmien ta' żbir huwa bejn Diċembru u Jannar.

6.1.10 Dwar sit fi Triq Sant' Antnin, il-Kunsill kien infurmat li dan ingħalaq b' *gate* u għaldaqstant sar progress sostanzjali.

6.1.11 Dwar minuta 5.2.5, il-Kunsill kien infurmat li l-*Kappara Residents' Voluntary Action Group* mhiex għaqda reġistrata.

6.1.12 Il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa fil-4.45pm.

6.1.13 Dwar minuta 5.2.6, saret kjarifika li ma hemmx oġġezzjoni partikolari dwar il-proposta tal-istatwa ta' San Ġwann l-Għammiedi, iżda li ma kien hemm l-ebda approvazzoni tal-Kunsill biex isiru xi xogħlijiet relatati magħha.

6.1.14 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici daħal lura għal-laqgħa fl-4.50pm.

6.1.15 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jaċċetta din l-istatwa bħala rigal mingħand l-iskultur u li jsir abbozz minn perit sabiex isir il-pedestal tal-istatwa, u b'hekk ikun possibli jsiru x-xogħlijiet neċessarji wara li jkun hemm l-approvazzjonijiet tal-MEPA.

6.1.16 Dwar minuta 5.8.7, il-Kunsill ġie nfurmat li l-ġnien li hemm fi Triq San Ġiljan għadu fl-istess kundizzjoni, fejn wara diskussjoni kien deċiż li tintalab kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur is-Sur Mario Mallia sabiex isiru x-xogħlijiet neċessarji.

6.1.17 Dwar minuta 5.8.3b, fejn kien hemm talba biex isir bank fis-*soft area* li hemm fi Triq Feliċ Borg, kien hemm qbil illi l-*Contracts' Manager* jieħu ritratti ta' dan is-sit u l-każ jiġi diskuss fl-laqgħa oħra.

6.1.18 Dwar minuta 5.8.15, il-Kunsill ġie nfurmat li l-*flood light* li hemm fi Triq il-Lantana għadha ma ġietx installata fid-direzzjoni oriġinali tagħha.

6.1.19 Dwar minuta 5.1.31, il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Malta Tourism Society* ġew infurmati bil-pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-*Cart Ruts*.

6.1.20 Dwar aċċess għall-*Cart Ruts* għal dawk ir-residenti li għandhom il-btieħi tagħhom jagħtu għal fuq dan is-sit, il-Kunsill ġie nfurmat li l-informazzjoni li l-Kunsill ġabar mingħand dawn ir-residenti ġiet mgħoddija lid-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġi vverifikata.

6.1.21 Dwar minuta 5.2.2, il-Kunsill ġie nfurmat li saret kommunikazzjoni mal-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni dwar l-applikazzjonijiet pendenti, fejn kien ġie mibgħut komunikat li ser jiġi mibgħut perit mill-ADT sabiex jivverifika s-sitwazzjoni ta' Triq Pellikan.

6.1.22 Dwar minuta 5.8.13a, il-Kunsill ġie nfurmat mill-ġdid li l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici se jagħmel restawr tal-bank li kien isponsorja.

6.1.23 Dwar minuta 5.8.17, il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet nota ta' ringrazzjament li Sr. Monica Pullicino.

6.1.24 Dwar minuta 5.1.39, il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet ordnata mera ġdida għal Triq il-Virdun billi ma kienx vijabli li tissewa dik preċedenti.

6.1.25 Dwar minuta 5.1.37, il-Kunsill ġie nfurmat li kellha ssir *reminder* oħra lill-*host* tal-*website* sabiex tiġi *updated* il-paġna tal-membri tal-Kunsill.

## 6.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

6.2.1 Il-Kunsill qabel ma' talba ta' Dr. Natasha Buontempo sabiex toffri kors ta' l-*O'Level* ta' l-Ingliż lir-residenti, bi ħlas ta' €12 għal *handouts* lil kull student li japplika, fejn il-Kunsill qabel ukoll li jħallas 50% tal-ħlas dovut.

6.2.2 Il-Kunsill qabel li jħallas ir-*registration fee* għall-*EkoSkola Programme Scholastic Year 2009-10* ta' l-Iskola Primarja 'B' li tammonta għal €12.

6.2.3 Dwar il-proġett *Renewable Energies in the Cities* il-Kunsill ġie infurmat li l-ko-finanzjament tiegħu ġie ggarantit mill-Iskema applikabli.

## 6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Stampar tal-Magażin

6.3.1 Il-Kunsill innota l-laqgħa pożittiva li kellu mal-*Union Print Ltd* dwar il-*format* il-ġdid tal-magażin li r-riżultat tagħha kienu proposti erba' kwotazzjonijiet, fejn l-Bord Editorjal kien qiegħed jirrakkomanda li ssir f'*format* ta' gażetta b'kulur wieħed u li tammonta għal €528 bħala spejjeż.

6.3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Editur li hemm il-probabilita' li istituzzjoni finanzjarja tisponsorja l-gażetta bil-kulur u t-tqassim bieb b'bieb tagħha kif ukoll li hemm prospetti tajbin minn diversi stabbilimenti sabiex jagħmlu reklamar fiha, fejn għaldaqstant qed ikun ikkunsidrat illi l-finanzjament tal-gażetta jkun kopert.

6.3.3 Kien hemm qbil li fil-gażetta jiġu ppublikati l-attivitajiet li l-Kunsill ser jorganiżża għal żmien il-Milied.

**6.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Programm ta' attivitajiet għal żmien il-Milied**

6.4.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi programm ta' attivitajiet li l-Kunsill, permezz tas-Sotto-Kumitat Kultura u *Heritage*, se jtella' għal żmien il-Milied b'risq il-*Community Chest Fund*, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "6D".

6.4.2 Il-Kunsill unanimament approva l-attivitajiet kollha fuq il-programm kif imressaq.

**6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Twaqqif ta' Kunsill taż-Żgħażagħ**

6.5.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport dwar it-twaqqif ta' Kunsill taż-Żgħażagħ, liema proġett se jibda f'Novembru 2009, u se jkollu ko-finanzjament mill-Ministeru responsabbli.

6.5.2 Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa f'din l-iskema.

**6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju (Lulju - Settembru, 2009)**

6.6.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju għall-perjodu ta' Lulju – Settembru, 2009.

6.6.2 Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan ir-rapport fejn kien inottat li tkompla l-progress sabiex jiġi rkuprat id-*deficit* fil-*cashflow*, fejn minn April sa Settembru, l-Kunsill kien irkupra madwar b' €58,000.

6.6.3 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

6.6.4 *"Il-Kunsill japprova r-rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju (Lulju – Settembru, 2009) kif ippreżentat".*

6.6.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet unanimament.

**6.7 Strateġija dwar il-ġbir ta' skart imħallat u separat**

6.7.1 Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar preżentazzjoni ta' strateġija għal ambjent sostenibbli li ffukat fuq il-benefiċċji li sistema tal-iskart separat tħalli fuq il-lokalita' u l-ambjent tiegħu, li kopja tagħha kienet ippreżentata lil kull Membru u tinsab anessa bħala dokument "6E" ma' dawn il-Minuti.

6.7.2 Il-ħsieb wara l-istrateġija proposta hu li r-residenti jiġu mħajjra iktar jisseparaw l-iskart sew għax dan jikkontribwixxi għal ambjent aħjar b'konformita' mad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja u ma' dawk tal-Gvern Malti f'dan ir-rigward billi jitnaqqsu l-is*kips* tal-iskart imħallat għal 50, jiżdiedu 80 *skips* ta' skart separat, il-ġbir ta' skart imħallat ikun bieb b'bieb għal erbat ijiem fil-ġimgħa u l-ġbir ta' skart separat biss bieb bieb ikun ta' darbtejn fil-ġimgħa.

6.7.3 Din l-istrateġija kienet proposta skond id-deċiżjonijiet tal-Kunsill, kif ippubblikati fid-dokument tas-sejħa għall-offerti, li bħal kull kuntratt ieħor jista' jiġi emendat jekk ikun hemm in-neċessita'.

6.7.4 Minbarra dan, l-istrateġija proposta telenka diversi benefiċċji finanzjarji li kienu diskussi fit-tul, fejn kien innotat li jekk il-Kunsill jinaqqgħad fi ftehim ma' kumpanija f'dan il-proġett, ikun possibli li l-iskart kollu sseparat jiġi miġbur mingħajr ħlas, u jekk tinqabeż il-kwota miftiehma jingħata wkoll benefiċċju finanzjarju, flimkien ma' benefiċċji oħra nkluż il-ġbir tal-iskart separat mill-istabilimenti kummerċjali u ġbir ta' skart goff.

6.7.5 Fuq talba, il-Membri kienu nfurmati li se jingħataw kopja tar-riżultat tal-kwestjonarji kif mgħoddi mill-Kunsilliera li kien jikkonċerna l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

6.7.6 Kien ippreżentat ftehim ma' *GreenMT*, kumpanija sussidjarja tal-GRTU, li kopja tiegħu kienet imqassma lil Kunsilliera u tinsab anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "6F".

6.7.7 Kien hemm qbil unanimu wkoll, illi parti mill-istrateġija li jadotta minn issa l-Kunsill, ikun hemm proċess ta' bdil ta' *skips* ta' skart imħallat li jiġu sostitwiti bi *skips* għas-separazzjoni tal-iskart li huma offruti bħala parti mill-ftehim, u li dan ikompli jsir gradwalment fil-lokalita' sabiex tilħaq il-massimu tagħha sakemm jibda jopera l-kuntratt il-ġdid fl-1 ta' Frar, 2010.

6.7.8 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

6.7.9 *"B'riżultat tad-deċiżjonijiet meħuda waqt id-diskussjoni, il-Kunsill jaqbel li jdaħħal b'seħħ immedjat l-istrateġija dwar ambjent sostenibbli f'San Ġwann kif ukoll japprova li jidħol fi ftehim mal-Green MT."*

6.7.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

6.7.11 Il-Kunsill unanimament iddeċieda ukoll li bħala parti ntegrali minn din l-istrateġija, ssir konferenza għall-istampa fl-10 ta' Novembru fi Triq l-Iskola, fejn jiġi ffirmat il-ftehim ma' *GreenMT* kif ukoll ippreżentat wieħed mid-disa' siti tas-separazzjoni tal-iskart li se jkunu nstallati bħala l-ewwel fażi tal-proġett sa dakinhar, u li għaliha jiġi mistieden is-Segretarju Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Chris Said.

**6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħruġ ta' Offerta għal *Contracts' Manager* (Xogħlijiet)**

6.8.1 Il-Kunsill ikkunsidra d-dokument tal-ħtiġijiet tal-Kunsill sabiex tinħareġ is-sejħa tal-offerti għas-servizz professjonali ta' perit u *contracts' manager* għax-xogħljiet relatati ma' manutenzjoni ta' toroq u bankini fil-lokalita', li kopja ta' dan id-dokument kienet iċċirkolata mal-Aġenda, u tinsab anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "6Ġ".

6.8.2 Kien hemm qbil unanimu dwar il-ħtieġa li minn dan is-servizz il-Kunsill irid jieħu l-benefiċċji massimi sabiex ikun hemm ippjanar, tfassil ta' estimi, sorveljanza diretta fuq ix-xogħol, assigurazzjoni tal-kwalita' tax-xogħol kif ukoll ċertifikazzjoni fil-ħin tax-xogħlijiet u l-kontijiet tal-kuntratturi.

6.8.3 Dwar punt relatat ma' xogħlijiet li jkunu jistgħu qed jiġu mwettqa minn ħaddiema taħt xi skema nazzjonali, kien ippreċiżat illi dan ikun relatat biss ma' programm ta' xogħlijiet li jaqgħu taħt xogħlijiet relatati ma' manutenzjoni ta' toroq u bankini.

6.8.4 Fir-rigward tas-servizzi ta' perit kien hemm qbil illi jkun hemm rata issperata u dan jiġi biss ikkummisjonati ma' xogħlijiet relatati ma' toroq u bankini.

6.8.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

6.8.6 *"Il-Kunsill japprova li tinhareġ l-offerta ghal-Perit u Contracts' Manager (Xogħlijiet) skond l-abozz preżentat".*

6.8.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet b'ħames voti favur, xejn kontra u tliet astenzjonijiet.

**6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Rapporti tal-*Contracts' Manager***

6.9.1 Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti tal-*Contracts' Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn 7 ta' Settembru, 2009 u 25 ta' Ottubru, 2009, u li kopja tagħhom kienet iċċirkulata ma' l-Aġenda u huma anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "6Ħ" sa "6N".

6.9.2 Dwar rapport numru 107, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm kommunikazzjoni mal-Ministru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni dwar il-materjal ta' kostruzzjoni li jħallu warajhom il-kuntratturi meta jispiċċaw xi proġett jew bini privat, fejn ingħata eżempju bil-ħerba li tħalliet fi Triq Wied Għollieqa.

6.9.3 Dwar il-*bulky refuse* li qed jintrema fi Triq Bella Vista, taħt Pjazza Ħawħa, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm *Warden* jew *Green Warden* preżenti sabiex jitnaqqas dan l-abbuż.

6.9.4 Ir-rapporti ġew approvati unanimament.

**6.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

6.10.1 Dwar il-*potholes* in-naħa ta' l-*Industrial Estate*, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn huma responsabbilta' tal-*Malta Industrial Parks*.

6.10.2 Dwar it-talba minn x'individwi biex ikun jistgħu jużaw il-sala jew il-bitħa ta' l-Iskola, kien indikat li wara korrispondenza uffiċjali dwar din l-attivita', il-Kunsill kellu jinforma lil Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja.

6.10.3 Fuq talba, l-Kunsill qabel li jiġi ppreżentat rendikont ta' *Day Care Centre* għal dawn l-aħħar tliet xhur.

6.10.4 Saret talba biex issir il-manutenzjoni ta' bankina quddiem '*Maridor House*', Triq l-Akaċja.

6.10.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li saru x-xogħlijiet ta' tindif ta' c*ulverts* fil-lokalita' kienu twettqu kollha mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

6.10.6 Dwar talba biex isiru korsijiet ta' Ganutell u ta' Parċmina fil-Kunsill, il-Kunsill qabel li sakemm tali jkun bħala ħlas jistgħu jsiru, filwaqt li jekk ikun hemm xi talbiet ta' ħlas, il-persuna trid titlob il-ħlas direttament lil parteċipanti u għal kull skopijiet ta' taxxa trid tkun persuna reġistrata skond kif titlob il-Liġi.

6.10.7 Il-Kunsillieri Anthony Mifsud Bonnici u Rita Saliba ħarġu mil-laqgħa fis-7.25pm.

6.10.8 Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' xogħlijiet mingħand *Dimbros Ltd*, għal tiswija ta' toroq b'*hot rolled asphalt* fi Triq Bella Vista u Triq San Ġuzepp k/m Triq Begonja għal valur ta' €2,696.51.

6.10.9 Il-Kunsill qabel li ssir mera tat-traffiku fi Sqaq il-Qasbi k/m Triq Vincenzo Galea.

6.10.10 Dwar il-bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq Vincenzo Galea, kien hemm qbil li dan jiġi inkluż mal-lista ta' xogħlijiet pendenti.

6.10.11 Il-Kunsill qabel li l-Pulizija jiġu mitluba jieħdu azzjoni dwar il-*bollards* li ġew imwaħħla illegalment fis-*service road* ta' Vjal ir-Rihan kif ukoll dwar żewġ vetturi li jinsabu fi Triq J. F. Marks.

6.10.12 Il-Kunsill ikkunsidra skema sabiex darba fix-xahar ikunu jistgħu jittieħdu t-testijiet tal-*glucose* u tal-pressjoni tad-demm lir-residenti 'il fuq minn ħamsa u ħamsin sena u li l-apparat mediku għal dawn kien se jingħata b'xejn filwaqt li l-Kunsill jikkontribwixxi għal ħlas tal-labar u l-*isticks* għat-testijiet.

6.10.13 Il-Kunsillier Marica Bayliss **"~~ressaq~~" "resqet"** din il-mozzjoni:

***Emendata Laqgħa nr. 7***

6.10.14 *"Il-Kunsill japprova li jingħata dan is-servizz lill-komunita' ġdid, u għal dawk li għandhom 'il fuq minn ħamsa u ħamsin sena, għal spiża ta' mhux iktar minn €50 fix-xahar".*

6.10.15 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

6.10.16 Saret diskussjoni dwar l-armar bi dwal artifiċjali ta' Triq Naxxar, fejn kien hemm qbil li l-Kunsill jidħol f'diskussjonijiet mal-komunita'

kummerċjali sabiex dawn jiġu mixgħula matul ix-xahar ta' Diċembru, 2009 u l-bidu ta' Jannar, 2010.

6.10.17 Il-Kunsill approva x-xiri ta' żewġ karretti biex jiġu utilizżati mill-ħaddiema ta' l-*IPS Ltd* mingħand *Makaw Ironmongery* għal valur ta' €99.

6.10.18 Dwar il-korsijiet tal-informatika li qed isiru fil-Kunsill kien approvat li l-ħlas ta' €10 għal kull persuna hekk kif jirriżulta mill-ftehim.

6.10.19 Dwar il-*Miss Malta Competition* 2009 imtella' mill-*G.M. Production* il-Kunsill qabel li jixtri trofew ghal kompetitriċi minn San Ġwann għal prezz ta' €66.

6.10.20 Il-Kunsill approva kwotazzjoni mingħand *Patco Malta* sabiex isir *testing* tal-apparat eletroniku għal ammont ta' €60.

6.10.21 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **30** ta' Novembru 2009

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |